Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Marzu 2018**
**(OR. en)**

**6575/18**

**CES 6**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra datata l-1 ta' Diċembru 2017, il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) informa lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat tas-Sur Klaus MATTHIESEN, membru tal-KESE[1].

2. Permezz ta' ittra datata l-1 ta' Frar 2018, il-Gvern Daniż innomina lis-Sur Thomas HOELGAARD, *International Secretary in the Confederation of Professionals (FTF) in Denmark*[2].

3. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri tal-Kumitat wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni ġiet ikkonsultata dwar in-nomina fit-13 ta' Frar 2018 u tat opinjoni favorevoli dwarha fit-2 ta' Marzu 2018.

[1] 15545/17.
[2] 5997/18.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 6574/18 bħala punt 'A' f'laqgħa li jmiss.

6. Dik id-Deċiżjoni ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE.